MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 1/2006/1

**Id-Direttur ta' l-Artijiet**

**vs**

**1. Joseph Baldacchino**
**2. Audrey Baldacchino**
**3. Anthony Baldacchino**
**4. A & J Baldacchino Boatyard Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' April, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mid-direttur attur fid-29 ta' Dicembru 2005 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' tlett elef, tminn mija u tlieta u erbghin liri maltin u

tlieta u sebghin centezmu (Lm3843.73), spejjez illi l-attur inkorra fit-tnehhija ta' oggetti mobbli u spejjez ohra li ghandhom x'jaqsmu ma' u huma konsegwenzjali ghat-tqehid ta' l-imsemmija mobbli f'post iehor, u dan in vista ta' ordni ta' zgumbrament, ai termini l-Kap 228 tal-Ligijiet ta' Malta, ezegwit kontra l-intimati nhar it-28 ta' Mejju 2004, gewwa Manuel Island, kif jindikaw l-annessi dokumenti mmarkati Dok AM 1 sa Dok AM 7, liema ammont huwa dovut mill-konvenuti ai termini ta' l-Artikolu 3 subinciz (3) tal-Kap 228 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar 2005, u dik datata 2 ta' Novembru 2005, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

Preliminarjament illi Joseph Baldacchino, Audrey Baldacchino u Anthony Baldacchino ma humiex il-legittimi kontradittturi ghat-talbiet attrici stante li huma biss diretturi tal-kumpanija A&J Baldacchino Boatyard Limited;

Illi fi kwalsiasi kaz, ma hu dovut lill-atturi ebda hlas kif minnhom reklamat. Fl-ewwel lok ghaliex legalment il-konvenuti kienu ghadhom intitolati jibqghu fil-pussess tal-fond u ma kienx skadielhom it-terminu moghti lilhom biex jizgombraw. Fi kwalsiasi kaz u bla pregudizzju ghal dan jinghad u ser jigi ppruvat illi l-atturi kissru l-ftehim dwar garr li kellhom mal-konvenuti u li l-atturi, ghalhekk, qabbdu u garrew il-proprjeta' tal-konvenuti kontra r-rieda tal-konvenuti u kontra l-ftehim bejn il-partijiet;

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fi kwalsiasi kaz taht il-principju ex dolo malo (turpi causa) non oritur actio.

Illi fi kwalsiasi kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, waqt il-garr li sar mill-atturi jew minn nies inkarigati minnhom l-esponenti soffrew hsarat fil-proprjeta' oltre nuqqasijiet fil-proprjeta' misruqa. L-atturi ghalhekk ikkagunaw danni lill-konvenuti u l-konvenuti sejrin jipprocedu f'sede separata stante li l-ammont ta' danni kkagunati jezorbitaw il-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Illi l-ammont mitlub huwa fi kwalsiasi kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost eccessiv u esorbitanti, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Illi din ir-risposta mahlufa bil-gurament minn Joseph Baldacchino li huwa personalment edott mill-fatti kollha relevanti. Huwa inoltre awtorizzat mill-konvenuti l-ohra sabiex jahlef din ir-risposta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti qeghdin jecepixxu illi Joseph Baldacchino, Audrey Baldacchino u Anthony Baldacchino m'humiex il-legittimi kontraditturi u t-talbiet attrici imisshom gew indirizzati biss kontra l-kumpanija A&J Baldacchino Boatyard Limited.

Irrizulta mill-provi illi huwa minnu illi s-socjeta' fuq imsemmija kienet kriet minghand il-Medserv fl-1999 bicca art Manoel Island minn fejn kienet qed topera n-negozju taghha ta' tiswija ta' dghajjes zghar.  L-att promotur illi ta bidu ghal dawn il-proceduri huwa l-*"eviction order"* illi gie mahrug fit-

8 ta' Jannar 2004. Dan huwa indirizzat lil Joseph Baldacchino *on behalf of* A&J Baldacchino Boatyard Limited, quindi l-persuna guridika illi rceviet din l-ordni ta' zgumbrament hija s-socjeta' A&J Baldacchino Boatyard Limited u mhux il-konvenuti l-ohra msemmija fl-avviz, ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi f'dan il-kaz il-konvenut huwa ben identifikat. La darba kienet din is-socjeta' li rceviet l-eviction order, quindi kwalunkwe procedura li segwiet bilfors trid tkun indirizzata lil din is-socjeta' u ghalhekk il-konvenuti tajjeb eccepew illi personalment kellhom jigu mahruga mill-kawza u tibqa' biss is-socjeta' fuq imsemmija bhala konvenuta. Ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni u tordna l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju ta' Joseph Baldacchino, Audrey Baldacchino u Anthony Baldacchino.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, rrizulta illi s-socjeta' fuq imsemmija kienet kriet parti mill-moll mill-Medserv, art li kienet proprjeta' tal-gvern. Kien hemm xi proceduri legali bejn il-Medserv u s-socjeta' fuq imsemmija illi spiccat b'ezitu favur il-Medserv. Sadanittant pero' l-Gvern dahal f'negozjati mas-socjeta' MIDI illi kienet tinkludi wkoll l-art illi kienet qed tokkupa s-socjeta' konvenuta. Parti mill-ftehim mal-MIDI kien illi l-art tas-socjeta' konvenuta kellha tigi konsenjata libera u franka f'idejn is-socjeta' MIDI, ghalhekk id-direttur attur informa lis-socjeta' konvenuta illi l-art kienet ser tittiehed u dahlu f'negozjati ghat-tfittxija ta' sid alternattiv fejn sussegwentement giet identifikata bicca art il-Benghajsa.

L-*"eviction order"* giet ippublikata fit-8 ta' Jannar 2004 fejn is-socjeta' konvenuta nghatat sas-17 ta' Jannar 2004 sabiex tivvaka l-fond. Jidher illi dana kien zmien qasir wisq u ghalhekk b'arrangament bejn il-gvern, il-MIDI u s-socjeta' konvenuta t-terminu gie estiz sa l-ahhar ta' Mejju 2004. Fin-nuqqas il-Gvern kien kostrett li jhallas penali ta'

hames mija (Lm500) kull jum lil MIDI sakemm l-art tigi moghtija lilha libera u franka.

Skond Joseph Baldacchino u Anthony Baldacchino, l-process taz-zarmar tas-sit kien ghaddej normali, izda fil-5 ta' April 2004 Emanuel Martin mid-Dipartiment ta' l-Artijiet ghamel survey (fol 46) u fiha ndika d-dghajjes u l-ingenji kollha illi kien hemm fuq l-art dakinhar. Skond id-Direttur ta' l-Artijiet (fol 25) fid-19 ta' April 2004 saret *on site inspection* u rrizulta li kien ghad fadal sitt dghajjes zghar, yacht, zewg dghajjes kbar, crane u zewg containers, ghalhekk beza' li kien ser jasal iz-zmien meta jaghlaq it-terminu ta' l-ahhar ta' Mejju u s-socjeta' konvenuta ma tkunx lahqet zgumbrat is-sit kif kien miftiehem. Emanuel Martin xehed illi bejn il-5 ta' April 2004 u t-28 ta' Mejju 2004 meta d-direttur ordna li ssir l-izgumbrament kien mar izur is-sit xi darbtejn u s-sitwazzjoni baqghet l-istess. Fit-28 ta' Mejju osserva li kien ghad fadal zewg containers u li wiehed minnhom kien ghadu qed jintuza bhala workshop u l-ingenji illi kien ghad fadal fis-sit kienu kollha goffa, ghalhekk kien hawnhekk illi Albert Mamo ha d-decizzjoni illi jdahhal il-pulizija, jqabbad kuntrattur biex ikun cert li sa l-ahhar ta' Mejju kollox ikun lest.

Il-Qorti jidhrilha illi hawnhekk id-Direttur attur ghamel *"a value judgement".* Fuq l-informazzjoni li kellu dak il-hin seta' jasal ghal konkluzzjoni illi s-socjeta' konvenuta wahidha ma kienetx ser tilhaq tivvaka kollox sa l-ahhar ta' Mejju u ghalhekk ha d-decizzjoni illi jiehu l-affari f'idejh halli jaccerta ruhu li kollox ikun sew. Joseph Baldacchino u missieru Anthony t-tnejn xehdu illi fil-fatt kienu qabbdu lil Swaey Brothers bhala kuntratturi sabiex igorru l-affarijiet u kienu diga' zgumbraw u nehhew xi dghajjes u affarijiet ohra mis-sit. Dana jista' jkun, pero' l-Qorti jidhrilha illi mehud in konsiderazzjoni t-terminu illi kellha s-socjeta' konvenuta, Joseph Baldacchino u Anthony Baldacchino hallew tard wisq. Ma kienx mistenni illi f'data daqshekk vicin

tal-konsenja ta’ l-art kien ghad fadal dawk l-ingenji daqshekk kbar u tqal fis-sit. Il-Qorti ma tridx tinsa illi l-ordni ta’ zgumbrament inghatat fit-28 ta’ Mejju fejn kien ghad fadal biss 3 ijiem sakemm id-dipartiment jibda jiddekorri l-penali ta’ hames mitt lira (Lm500) kull jum. Naturalment din kienet preokkupazzjoni ghad-dipartiment illi ma kellhux ghal fejn jidhol fiha meta ta aktar zmien lis-socjeta’ konvenuta sabiex dina tivvaka totalment mis-sit.

Fit-trattazzjoni tieghu l-avukat difensur tal-konvenuti qal illi l-azzjoni tad-direttur kienet intempestiva. Kien ghad fadal zmien lill-konvenuti sabiex johorgu mis-sit u messu stenna sa l-ahhar sakemm ha azzjoni. Bir-rispett il-Qorti jidhrilha filwaqt li tikkoncedi li kien ghad fadal tlett ijiem favur is-socjeta’ konvenuta pero’ mehud inkonsiderazzjoni kif kienet miexja din is-socjeta’ ghall-izgumbrament tas-sit u r-rata li biha kienu hergin l-affarijiet kien wisq probabbli li sa l-ahhar ta’ Mejju ma kienux ser ilahhqu johorgu kollox u ghalhekk ir-ragunament tad-direttur f’dawk ic-cirkostanzi kien validu u seta’ ragonevolment jahseb illi probabbilment is-socjeta’ konvenuta wahidha ma kienetx ser tasal. Kien ghalhekk illi ordna illi ssir zgumbrament a spejjez ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

Ghal dawk illi huma spejjez jidher illi ma humiex ikkontestati peress illi s-socjeta’ konvenuta ma gabet l-ebda prova illi l-ispiza setghet tkun mod iehor. Vera illi ghandha *quotation* tas-socjeta’ Swaey Brothers, pero’ b’daqshekk ma jfissirx illi d-direttur attur kien ezagerat bil-prezz illi hallas ghall-izgumbrament meta wiehed iqis iz-zmien qasir illi kellu ghad-disposizzjoni.

Fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti qalu wkoll illi wehlu hafna danni minhabba l-agir tad-direttur attur meta l-oggetti illi gew zgumbrati tpoggew f’sit iehor u kien hemm xi nuqqasijiet meta s-socjeta’ konvenuta marret biex tirtira dawn

l-affarijiet. Is-socjeta’ konvenuta pero’ ma gabitx prova dwar dawn id-danni u fi kwalunkwe kaz ma rrizultax illi d-direttur kien accetta illi jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni.

Bhal ma qalet ben tajjeb il-kawza fl-ismijiet Joe Xuereb Holdings Company Limited vs Marlene mart Francis Xuereb et deciza mill-Prim Awla fit-30 ta’ Gunju 2005 *“dikjarazzjonijiet generici ta’ telf finanzjarju kawzati minn agir tal-kreditur ma jiggustifikawx lid-debitur izomm lura pagamenti ta’ dejn. Jekk persuna tonqos milli tesegwixxi sehma mill-ftehim skond id-diligenza mistennija mill-bonus pater familias wiehed kellu diversi ghazliet...”* Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta’ konvenuta ma tistax tiehu vantagg mit-traskuragni taghha meta dina halliet ghall-ahhar biex tivvaka s-sit li kienet obbligata taghmel hekk permezz ta’ ftehim milhuq mad-dipartiment. Kien in-nuqqas ta’ l-istess socjeta’ illi ma hadietx hsieb li tizgombra s-sit fi zmien stipulat u ghalhekk bir-ragun id-direttur attur hassu obbligat illi jagixxi biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi filwaqt li tillibera lil Joseph Baldacchino, Audrey Baldacchino u Anthony Baldacchino mill-osservanza tal-gudizzju. Tilqa’ t-talba tad-direttur attur u tikkundanna lis-socjeta’ A&J Baldacchino Boatyard Limited li thallas is-somma ta’ tlett elef, tminn mija u tlieta u erbghin liri maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm3843.73), spejjez illi l-attur inkorra fit-tnehhija ta’ oggetti mobbli u spejjez ohra li ghandhom x’jaqsmu ma’ u huma konsegwenzjali ghat-tqehid ta’ l-imsemmija mobbli f’post iehor, u dan in vista ta’ ordni ta’ zgumbrament, ai termini l-Kap 228 tal-Ligijiet ta’ Malta, ezegwit kontra l-intimati nhar it-28 ta’ Mejju 2004, gewwa Manuel Island, liema ammont huwa dovut mill-konvenuti ai termini ta’ l-

artikolu 3 subinciz (3) tal-Kap 228 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra s-socjeta' konvenuta."

Is-socjeta` konvenuta A & J Baldacchino Boatyard Limited hassitha aggravata b' din id-decizjoni u appellat minnha lil din il-Qorti biex titlob ir-riforma taghha fis-sens illi dik id-decizjoni tigi revokata in kwantu l-ewwel Qorti laqghet it-talba tad-Direttur ta' l-Artijiet fil-konfront taghha u konfermata ghal kumplament. Sostanzjalment, l-obbjezzjoni taghha hi formulata fuq il-proposizzjoni illi hi ma setghetx titqies responsabbli ghall-ispejjez ta' l-izgumbrament ezegwit mill-appellat fit-28 ta' Mejju, 2004 meta t-terminu appatwit ghal skop ta' zgumbrament (31 ta' Mejju 2004) kien ghadu ma ddekorriex;

Huwa forsi opportun illi jigu ri-epilogati l-fatti l-aktar rilevanti li taw lok ghall-kawza quddiem l-ewwel Qorti:-

(1) Is-socjeta` appellanti kienet in okkupazzjoni ta' bicca art f' Manoel Island, lilha assenjata mis-socjeta` Medserv, ad uzu ta' tiswija ta' *yachts*. Kontra taghha inharget mill-attur *eviction order* fit-8 ta' Jannar 2004 biex tizgombra sas-17 ta' Jannar 2004;

(2) Aktar tard intlahaq qbil, ko-involgendi l-partijiet u l-MIDI Consortium, l-enfitewta ta' l-art, biex l-ivvakar mis-sit ta' l-art mis-socjeta` appellanti jsir mhux tard mill-31 ta' Mejju 2004. Ara ittra ta' l-attur lis-socjeta` datata 25 ta' Frar, 2004 a fol. 39;

(3) Din l-ittra jidher li giet segwita mill-istess attur b' ohra datata 23 ta' Marzu 2004 (fol. 35) mibghuta lill-konsulent legali tas-socjeta` appellanti. Fiha rega' gie ripetut illi l-MIDI Consortium kienet lesta li thalliha fis-sit sal-31 ta' Mejju 2004, b' dan li gie aggunt illi "*whether A & J Baldacchino Boatyard are in a position to move out of Manoel Island or not by the 31st May 2004, this*

*Department shall evict Baldacchino if for any reason they fail to move out by the 31st May 2004*";

(4) Fuq ix-xhieda tad-Direttur innifsu (fol. 25) u dik ta' l-Enforcement Officer tad-Dipartiment, Emanuel Martin (fol. 46), l-attur iddetermina mill-konkluzjoni u verifiki ta' *site inspections* illi s-socjeta` appellanti ma kienetx pronta biex tivvaka sal-31 ta' Mejju 2004 u ghalhekk, dejjem skond l-attur, hu ta ordni fis-27 ta' Mejju 2004 biex tigi implimentata l-evizzjoni. Din l-operazzjoni hadet bejn gurnata u jumejn;

(5) Jirrizulta minn atti pprezentati mir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti illi fis-26 ta' Mejju 2004 din ikkonkludiet ftehim mal-Maltacom (fol. 43) biex tahzen fuq is-sit maghmul disponibbli minn din gewwa Benghisa l-ingenji u l-attrezzi li kellha fuq is-sit ta' Manoel Island. Jirrizulta wkoll illi fl-istess jum irceviet kwotazzjoni minn Swaey Bors. Ltd (fol. 44) ghall-garr ta' dawn l-istess ingenji u attrezzi;

Sintetikament, ir-ragonament ta' l-ewwel Qorti huwa hekk artikolat:-

(1) Id-Direttur ghamel "*value judgement*" fuq l-informazzjoni li nghatatlu illi s-socjeta` appellanti ma kienetx ser tilhaq tivvaka mis-sit ta' l-art;
(2) Il-konvenuti hallew tard wisq meta kien ghad hemm tant materjal fuq is-sit;
(3) Huwa veru li kien ghad fadal tlett ijiem ghall-eghluq tat-terminu favur is-socjeta` appellanti, b' danakollu, u wisq probabbli, din ma kienetx ser tlahhaq tohrog kollox;
(4) Ir-ragonament tad-Direttur kien validu in kwantu, probabilment, is-socjeta` konvenuta wahedha ma kienetx ser tasal;
(5) Kien in-nuqqas ta' l-istess socjeta` illi ma hadetx hsieb tizgombra s-sit fiz-zmien stipulat u ghalhekk bir-ragun id-Direttur kien obbligat li jagixxi biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu;

Bir-rispett dovut, ir-ragonament ta' l-ewwel Qorti jista' talvolta jitqies attendibbli mill-punto di vista tal-konvinciment morali taghha, imma, imbaghad, l-assunti minnha maghmula ma jidherx li jsibu riskontru fil-principji tad-dritt applikabbli ghall-kaz;

Mhux disputat illi kien jezisti akkordju illi s-socjeta` appellanti kellha tohrog mis-sit ta' l-art mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2004. Dan it-terminu kien allura element essenzjali tal-ftehim, intiz principalment biex jigi regolat iz-zmien ta' l-adempiment da parti tas-socjeta` appellanti. Naturalment "iz-zmien ma jissospendix l-obbligazzjoni, izda jdewwem biss l-ezekuzzjoni taghha" (Artikolu 1071, Kodici Civili). Kif evokat f' certi decizjonijiet "minn dan ghandha tingibed il-konsegwenza illi meta hemm ftehim fuq it-terminu, il-kreditur (intiz f' sens lat) ma jistax jitlob li tkun ezegwita l-obbligazjoni qabel l-eghluq ta' dak it-terminu". Ara "**Spiridione Camilleri -vs- Neg. Godwin L. Muscat**", Appell Kummercjali, 23 ta' Ottubru 1936 u "**Vincent Albert Muscat -vs- Rudolph Xuereb *nomine***", Appell, 28 ta' Jannar, 2000;

Fi kliem iehor la z-zmien ta' l-adempiment hu wiehed ghaf-favur tad-debitur ta' l-obbligazzjoni, il-kreditur ma jistax jippretendi l-adempiment tal-prestazzjoni qabel l-iskadenza tat-terminu miftiehem. Dan hu hekk rikonoxxut ukoll mill-kliem ta' l-Artikolu 1072 tal-Kodici Civili fejn jipprovdi li "dak li ma jkollux jinghata hlief fi zmien stabbilit, ma jistax jintalab qabel l-eghluq ta' dak iz-zmien …";

Dejjem skond l-istess Kodici Civili, ex-Artikolu 1073, il-ligi tikkreja l-presunzjoni illi "z-zmien jitqies dejjem li gie miftiehem favur id-debitur". Biex ikun diversament u jkun accertat jekk dak it-terminu kienx intiz miftiehem ukoll favur il-kreditur, tali jrid jigi verifikat jew mill-ftehim innifsu, jew mic-cirkustanzi, ben intiz, fil-hsieb tal-Qorti, illi l-volonta` tal-partijiet li huma riedu hekk tkun wahda manifestament univoka. Fil-kaz prezenti ma jidher minn

imkien mill-provi li jimmilita kontra l-presunzjoni. Anzi hi l-fehma ta' din il-Qorti minn ezami ta' l-ittri, ghal liema saret riferenza fl-esposizzjoni tal-fatti, kif ukoll mill-valutazzjoni tax-xhieda, illi t-terminu stabbilit (31 ta' Mejju 2004) kien wiehed ta' adempiment favur id-debitur, ossija tas-socjeta\` appellanti, in kwantu kien jiffissa l-esigibilita\` tad-debitur fis-sens illi huwa seta' dejjem jesegwixxi l-prestazzjoni aspettata minnu sad-data akkordata;

L-artikolu predett 1073 tal-Kodici taghna jidher li hu konsimili ghal dak tal-Kodici Civili Taljan, ex-artikolu 1184, anke jekk il-legislatur Taljan jikkjarifika l-punt permezz ta' ekonomija tal-kliem, meta jipprovdi illi "*se per l' adempimento è fissato un termine, questo si presume a favore del debitore, quelora non risulti stabilito a favore del creditore o di entrambi*". Fuq il-punt il-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni irriteniet dan:-

> "*Ai sensi dell' art. 1184 c. c. il termine per l' adempimento dell' obbligazione si presume stabilito a favore del debitore, ove esso non risulti fissato a favore del creditore o di entrambi, e, pertanto, quando tale presunzione operi, mentre il debitore puo adempiere fino alla scadenza del termine, il creditore non puo\`, prima di questa, esigere la prestazione.*" (**Cass. 11 ta' Dicembru 1981, Numru 6553** u **17 ta' Settembru 1980, Numru 5288**);

Taht dan il-profil tal-principji tad-dritt li kellhom jirregolaw il-materja, din il-Qorti ma tikkondividix il-fehma ta' l-ewwel Qorti illi l-agir ta' l-attur kien wiehed validu u gustifikat. Pjuttost, tali kondotta tista' titqies wahda arbitrarja, illecita u bi ksur lampanti tal-ftehim. Ma jidherx li jista' qatt ikun akkonsentit illi l-attur jikkawtela l-jeddijiet tieghu permezz ta' zgumbrament forzat qabel iz-zmien miftiehem. Meta, allura, hu il-kaz li patt ma jigix rispettat, lanqas ma jidher li jkun legittimu illi jigu imposti fuq is-socjeta\` appellanti l-

effetti ta’ l-obbligazzjonijiet ghal liema jirreferu l-Artikoli 1130 (1) u 1133 tal-Kodici Civili fost ohrajn, jew dak ta’ l-Artikolu 3 subinciz (3) tal-Kapitolu 228 tal-Ligijiet. Dan ghar-raguni illi s-socjeta` appellanti ma tistax titqies li kienet *in mora* sempliciment ghax id-Direttur, b’ arbitriju, deherlu li kellu janticipa d-data ta’ l-isfratt minn dik precedentement miftehma. Ghax, kif sewwa jinsab enuncjat, “*secondo la legge quando l’ obbligazione è di fare, e la convenzione stabilisce un termine, il debitore è costituito in mora colla sola scadenza del termine stipulato*” (**Kollez. Vol. XXI P II p 60**).

Ghal dawn il-motivi superjorment dedotti din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u b’ hekk timmodifika s-sentenza appellata billi tirrevoka dik il-parti taghha fejn sabet lis-socjeta` appellanti responsabbli u kkundannatha ghall-hlas tas-somma reklamata bl-Avviz. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mid-Direttur ta’ l-Artijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------